



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 91/19
il-Lussemburgu, 10 ta' Lulju 2019

Sentenza fil-Kawża C-163/18
HQ et vs Aegean Airlines

Il-passiġġieri li jkollhom id-dritt li jikkuntattjaw lill-organizzatur tal-vjaġġ tagħhom biex jiksibu r-rimbors tal-biljetti tal-ajru tagħhom ma għandhomx il-possibbiltà li jitolbu wkoll rimbors mingħand it-trasportatur tal-ajru

Akkumulazzjoni bħal din tkun tali li twassal għal protezzjoni żejda mhux iġġustifikata tal-passiġġieri għad-detriment tat-trasportatur tal-ajru

Fid-19 ta' Marzu 2015, tliet persuni rriżervaw titjiriet bir-ritorn bejn Eelde (il-Pajjiżi l-Baxxi) u Korfu (il-Greċja) ma' Hellas Travel, aġenzija tal-ivvjaġġar stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi. Dawn it-titjiriet kienu jiffurmaw parti minn "vjaġġ kollox kompriż" li l-prezz tiegħu kien tħallas lil Hellas Travel.

It-titjiriet kellhom jiġu operati minn Aegean Airlines, kumpannija stabbilita fil-Greċja, li għal dan il-għan kienet ikkonkludiet ftehim ma' G.S. Charter Aviation Services, kumpannija stabbilita f'Ċipru: Aegean Airlines kellha tpoġġi għad-dispożizzjoni ta' G.S. Aviation Services ċertu numru ta' postijiet, permezz tal-ħlas ta' prezz ta' nollegġ. Sussegwentement, G.S. Charter biegħet dawn il-postijiet lil terzi, fosthom lil Hellas Travel.

Madankollu, xi għranet qabel id-data tat-tluq miftiehma, Hellas Travel ħabbret lit-tliet vjaġġaturi li l-vjaġġ tagħhom kien ġie kkanċellat. Fil-fatt, Aegean Airlines kienet iddeċidiet, minħabba l-impossibbiltà li tikseb il-prezz miftiehem minn qabel ma' Hellas Travel, li ma toperax iktar it-titjiriet lejn u minn Korfu. Fit-3 ta' Awwissu 2016, Hellas Travel ġiet iddikjarata falluta. Din ma rimborsatx il-prezz tal-biljetti tal-ajru lit-tliet vjaġġaturi.

Dawn tal-aħħar fetħu kawża quddiem ir-Rechtbank Noord-Nederland (il-Qorti ta' Noord-Nederland, il-Pajjiżi l-Baxxi), li kkundannat lil Aegean Airlines tħallashom fil-forma ta' somma f'daqqa għall-kanċellazzjoni tat-titjira tagħhom, abbażi tar-Regolament Nru 261/2004 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri ¹.

Min-naħa l-oħra, dik il-qorti ma tatx deċiżjoni fuq it-talba tagħhom għar-rimbors tal-biljetti tal-ajru. Fuq dan il-punt, dik il-qorti għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja. Hija xtaqet tkun taf jekk passiġġier li jkollu, abbażi tad-direttiva dwar il-vjaġġi kollox kompriż ², dritt li jirreferi għall-organizzatur tal-vjaġġi tiegħu biex jikseb ir-rimbors tal-biljett tal-ajru tiegħu, jistax jitlob ir-rimbors ta' dan il-biljett mingħand it-trasportatur bl-ajru, abbażi tar-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri.

Fis-sentenza tagħha ta' llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li s-sempliċi eżistenza ta' dritt għal rimbors, li tirriżulta mid-direttiva dwar il-vjaġġi kollox kompriż, hija biżżejjed biex teskludi l-possibbiltà għal passiġġier, li t-titjira tiegħu tkun tiffirma parti minn vjaġġ kollox kompriż, li jitlob il-kumpens tal-biljett tiegħu, abbażi tar-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, mingħand it-trasportatur bl-ajru li jopera.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, fil-fatt, li, anki jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni ma xtaqx jeskludi totalment lill-passiġġieri li t-titjira tagħhom tiffirma parti minn vjaġġ kollox inkluż, mill-kamp ta' applikazzjoni tar-

¹ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

² Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 132).

Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, madankollu, dan xtaq iżomm fir-rigward tagħhom l-effetti tas-sistema meqjusa protettiva biżżejjed li kienet ġiet implementata preċedement abbażi tad-Direttiva dwar il-vjaġġi kollox kompriż.

Isegwi li d-drittijiet għar-rimbors tal-biljett, abbażi, rispettivament, tar-Regolament u tad-Direttiva ma jistgħux japplikaw flimkien. Akkumulazzjoni bħal din tkun tali li twassal għal protezzjoni żejda mhux iġġustifikata tal-passiġġier ikkonċernat, u dan għad-detriment tat-trasportatur tal-ajru li jopera, fejn dan tal-aħħar effettivament jirriskja li jkollu jerfa' parzjalment ir-responsabbiltà tal-organizzatur tal-vjaġġi.

Din il-konklużjoni tapplika wkoll fil-każ li l-organizzatur tal-vjaġġi jkun jinsab fl-inkapaċità finanzjarja li jwettaq ir-rimbors tal-biljett u ma jkun fha ebda miżura biex jiggarantixxi dan ir-rimbors. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li d-direttiva ttipprovdi, b'mod partikolari, li l-organizzatur tal-vjaġġi għandu jipprovdi garanziji biżżejjed li jkunu xierqa biex jiżguraw, fil-każ ta' insolvenza jew ta' falliment, ir-rimbors tal-fondi ddepożitati. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar il-ġurisprudenza tagħha li tgħid li leġiżlazzjoni nazzjonali tittrasponi b'mod korrett l-obbligi stabbiliti mid-direttiva biss jekk din ikollha bħala riżultat li tiżgura li l-passiġġieri jiġu effettivament irrimborsati għall-fondi kollha li jkunu ddepożitaw fil-każ ta' insolvenza tal-organizzatur tal-vjaġġi. Fin-nuqqas ta' dan, il-vjaġġatur ikkonċernat jibbenefika, f'kull każ, mill-possibbiltà li jippreżenta rikors għad-danni kontra l-Istat Membru kkonċernat għad-danni kkawżati lillu minn ksur tad-dritt tal-Unjoni.

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355